MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 9/1999/1

**Agent Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Carmelo Borg u Carmela Borg, u b'digriet tal-Bord tad-19.6.2013 wara l-mewt tal-intimati, l-atti kienu legittimati f'isem Raymond Borg u b'digriet iehor tat-22.1.2014 l-atti kienu legittimati ukoll f'isem Anthony Borg, Paul Borg, Victor Mary sive Victor Borg, l-Avukat Dr. Vanessa Millo, Jean Pierre Borg u Eucharistica sive Carrie Borg.**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti:

1. Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 11 ta' Novembru 1998 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond Numru 19, Triq il-Bjar, Valletta huwa ta' tmien mitt Lira Maltin (Lm800) kif jidher mir-rapport tal-Perit John Sciberras tal-21 t'Awissu, 1996 li kopja tieghu huwa anness ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

2. Illi b'ittra ufficjali tas-27 ta' Novembru, 1998 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' erbghat elef Liri Maltin (Lm4,000.00).

Ghaldaqstant ir-rikkorent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera il-fond art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra wkoll ir-risposta tal-intimati:

1. Illi l-kumpens offert mir-rikorrenti mhuwiex wiehed gust.

2. Illi l-valur gust tal-fond 19, Triq il-Bjar, Valletta ghandu jkun Lm4,000.00

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi kif jemergi mill-provi, l-awtorita' kompetenti kienet esproprijat il-fond Numru 19, Triq il-Bjar, flimkien ma' fondi ohra formanti parti mill-istess binja u dan bis-sahha ta' dikjarazzjoni tal-President tal-11 ta' Mejju 1993 li deher bhala Avviz 352 fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern esebita a fol 8 u 9 tal-atti. Permezz ta' Avviz Ghal-Ftehim, s-sidien esproprijati kienu mitluba jaccettaw is-somma ta' Lm800 bhala kumpens liema Avviz kien lilhom notifikat fis-16 ta' Novembru 1998. L-istess sidien kienu rrifjutaw din l-offerta permezz ta' ittra ufficcjali bid-data tas-27 ta' Novembru 1998 u talbu kumpens fis-somma ta' Lm4,000. Ghalhekk ir-rikorrenti ghadda biex jintavola dawn il-proceduri sabiex ikun iffissat il-kumpens gust ghal dan it-tehid;

Illi in sostenn tal-oggezzjoni taghhom, l-intimati prezentaw valutazzjoni maghmulha mill-perit arkitett taghhom wara li ddikjaraw li huma qieghdin jistriehu fuq l-opinjoni teknika tieghu. Din l-istima, esebita a fol 20, tghid illi l-fond jikkonsisti f'dar kompriza minn zewgt ikmamar, kantina ventilata u kamra tal-banju mifruxa fuq tlett sulari separati, kollox fil-valur ta' Lm4,000 kurrenti fi zmien li kienet demolita. L-perit arkitett li ghamel l-istima ghall-Kummisarju tal-Art xehed illi fis-sena l-1994 l-fond kien diga twaqqa' u kien jikkonsisti f'kamra, kamra ohra tahtha u kantina kif ukoll konvenjenza sanitarja. Il-Bord ma jarax ghaliex r-rikorrenti ma jaqblux ma' din id-deskrizzjoni tal-fond meta l-perit arkitett taghhom stess jghid li l-fond kien jikkonsisti f'zewgt ikmamar, kantina u kamra tal-banju;

L-periti membri tal-Bord, assenjati sabiex jipproponu valur gust ghal dan it-tehid, waslu ghall-konkluzzjonijiet illi dan ghandu jkun fis-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) skond ir-relazzjoni taghhom esebita a fol 100 tal-process, fid-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza;

Wara li kienu mitluba jiehdu konjizzjoni ta' dokumenti esebiti wara l-eghluq tal-provi u wara li kienu mitluba iwiegbu ghal-mistoqsijiet in eskussjoni, l-periti membri baqghu tal-istess fehma dwar il-valur minnhom propost. Tajjeb li jkun senjalat wiehed mill-kweziti pozat mill-intimati rigwardanti d-differenza bejn il-valur tal-fond meta nxtara ghal dak wara 43 sena. Mid-dok a fol 113 esebit mill-intimati (li qatt ma messu kien hekk esebit ma' domandi in eskussjoni minghajr awtorizazzjoni tal-Bord wara l-gheluq tal-provi, izda sanat retrospettivament b'digriet tal-Bord), jemergi illi dan il-fond inxtara mill-intimat fis-sena 1970 bil-prezz ta' Lm800. Issa l-istess intimati jressqu ghal konsiderazzjoni tal-periti membri illi minn dakinhar ghaddew 43 sena u li hija l-prassi li l-valur tal-immobbli jghola bid-doppju kull ghaxar snin. Fl-

ewwel lok, dikjarazzjoni bhal din kienet tishoqq il-prova idonea li baqghet ma saritx, Fit-tieni lok, il-valutazzjoni fit-termini tal-Kap 88 ghandha tkun dik fid-data li fiha l-espropprijat jircievi l-Avviz Ghall-Ftehim skond il-ligi vigenti fl-1999. Llum din hija sostitwita bid-data ta' notifika ta' ittra ufficcjali notifikanti d-dikjarazzjoni ta' tehid mill-President. Ghalhekk l-awment fil-valur kellu hekk stess jitqies mid-data tal-akkwist 1970 sad-data tan-notifika tal-Avviz Ghall-Ftehim 1998 igifieri 28 sena. Ghalhekk bir-ragunament tal-istess intimati, l-fond kellu valur ta' tlett darbiet aktar minn dak ta' meta inxtara u b'hekk sar jiswa Lm2,400 li fil-munita tal-lum jekwivali ghall-€5590.50. Jekk bir-ragunament taghhom, l-intimati riedu jfissru illi kull ghaxar snin l-valur jirdoppja ghal dak li jkun gia zdied ghaxar snin qabel, allura, *gratia argomenti* fuq medda ta' tlett snin il-fond suppost ghandu valur ta' Lm3,200 li llum jekwivali ghall-€7453.99. Ghalhekk l-opinjoni tal-periti membri hija wahda gusta u timmerita li tkun abbraccjata minn dan il-Bord.

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala liberu u frank b'titolu ta' xiri assolut l-fond Numru 19, Triq il-Bjar, Valletta, liema fond qed ikun dikjarat fabrikabbli lir-rikorrenti Kummissarju tal-Art u dan bil-kumpens ta' sebat elf Euro (€7,000), oltre l-imghax legali spettanti lil-intimati fejn ghandu jkun puntwalizzat illi l-awtorita' hadet pussess tal-fond fl-1994. Jahtar lin-Nutar Dr. Anthony Hili bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fil-15 ta' Jannar 2015 fis-1.30pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Mario Calleja LL.D biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrfa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------